# WARDA*

*Rigal lil tfajla*

Kien hemm darba warda sbejħa
Illi kibret ġo bosk kbir,
Kellha l-fwieħa tal-ward kollu,
Kellha l-bjuda tal-ħarir.

Qatt in-nies ma setgħet tidħol
Fejn dil-warda kienet qiegħda,
Sakemm dbielet, sakemm nixfet,
Għax lir-riħ kienet imwiegħda.

Iżd'għasfur waqaf fuq fommha,
Bil-munqar naqqar żerriegħa,
U żeragħha f'art imbiegħda
Taħt il-bewsa tar-rebbiegħa.

U dil-warda reġgħet fetħet,
Saħħret b'lewnha lil kulħadd,
Biha n-nies dlonk bdiet tiżżejjen
F'jiem il-btala u nhar ta' Ħadd.

* * *

Din il-warda li jien tajtek
Tħallihiex tidher imkien:
Int ukoll aħbiha sewwa
Mill-għajnejn minn tal-ġirien.

Iżda jum, tibżax, għad jiġi
Meta tiftaħ wisq sabiħa;
Bil-lwien tagħha ħaddejk tiżbogħ,
Timla 'l qalbek kollha fwieħa.

U tkun hienja, hienja bosta
Meta jasal dak iż-żmien:
Għax ta' mħabbtek kollha mkebbsa
Int ikollok in-nirien.

ĠORĠ PISANI

---

(*) Ftit sjuf ilu, f'Marsalforn, is-sinjorina X talbitni biex niktbilha għanja ħalli żżommha għaliha biss. Jien biex nikkuntentaha kont ktibtilha din il-għanja li issa qiegħed inxandar f'"Leħen il-Malti" bis-sensja tas-sinjorina, illum sinjura X.